MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Avviz Numru. 220/2013

**George & Rocco Car Centre Ltd (C 52595)**

**vs**

**Hamdi Fatih Alla El-Abbasi u martu Mary Grace El-Abbasi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Awwissu 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsuha s-somma komplessiva ta' ghaxart elef, seba' mija erbgha u sebghin

ewro (€10,774) kwantu bilanc minn import u prezz ta’ bejgh u konsenja ta’ zewg vetturi wahda tal-marka Toyota Hi-lux bin-numru ta’ registrazzjoni JBH184 u l-ohra tal-marka Renault Clio bin-numru ta’ registrazzjoni FCC 073, liema ammont bilancjali sar dovut konsegwenza tal-fatt li l-konvenuti naqsu milli jhallsu zewg rati ta’ hlas mensili skont kif gie miftiehem u baqghu hekk inadempjenti wara li gew mitluba sabiex jeffettwaw tali hlas.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-dati ta’ kull hlas mensili mhux imhallsa u mid-data meta l-bilanc shih sar dovut sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tar-rikorsi ghall-hrug ta’ Mandati ta’ Qbid kawtelatorji u rikorsi ghall-elevazzjoni tal-imsemmija vetturi kontra l-konvenuti li jinsabu minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti El-Abbasi Fatih Alla u martu Mary Grace El-Abbassi kif prezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-11 ta’ Dicembru 2013 fejn eccepew is-segwenti:

1. *“Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom hekk jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess.*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hlas tal-vettura tal-marka Renault Clio bin-numru ta’ registrazzjoni FCC-073 gie hekk depozitat il-Qorti, wara li intortament inhareg fil-konfront tal-esponenti Mandat ta’ Qbid fuq l-istess vettura minkejja li r-rati ta hlas fuq l-istess vettura kienu qed jithalsu.*
3. *L-esponent jafu dawn il-fatti personalment.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.”*

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici kif prezentata fl-atti waqt is-seduta tas-26 ta’ Frar 2014 li permezz taghha ipprezentat is-segwenti dokumenti:-

1. Kopja tal-ftehim datat 4 ta’ April 2012 bejn is-socjeta’ attrici rikorrenti u l-konvenuta Mary Grace El Abbasi riferibilment ghall-bejgh tal-vettura tal-marka Renault Clio bin-numru ta’ registrazzjoni FCC 075 *(dan in numru huwa lapsus calumni u ghandu jaqra FCC073)*. Dan id-dokument huwa mmarkat bhala Dok PRCC1.
2. Kopja tal-ftehim datat 4 ta’ Settembru 2012 bejn is-socjeta’ attrici rikorrenti u l-konvenut Hamdi Fatih Alla El-Abbasi riferibilment ghall-bejgh tal-vettura tal-marka Toyota Hilux bin-numru ta’ registrazzjoni JBH 184 immarkat bhala Dok PRCC 2.
3. Kopja tal-payment schedule riferibilment ghall-hlasijiet dovuti skont il-ftehim fuq imsemmi tal-4 ta’ April 2012 u li juri l-hlasijiet jew parti minnhom effettwati. Jirrizulta minn dan id-dokument li fiz-zmien meta giet imressqa l-kawza kien hemm zewg pagamenti u aktar li ma kienux thallsu. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok PRCC3.
4. Kopja tal-payment schedule riferibilment ghall-hlasijiet dovuti skont il-ftehim fuq imsemmi tal-4 ta’ Settembru 2012 u li juri l-hlasijiet jew parti minnhom effettwati. Jirrizulta minn dan id-dokument li fiz-zmien meta giet imressqa l-kawza kien hemm zewg pagamenti u aktar li ma kienux thallsu. Dan id-dokument giet immarkat bhala Dok PRCC4.
5. Kopja ta’ statement of Account riferibilment ghall-bilanci dovuti kwantu l-vettura tal-marka Renault Clio bin-numru ta’ registrazzjoni FCC 075 *(dan in numru huwa lapsus calumni u ghandu jaqra FCC073)* kemm f’Lulju 2013 meta giet imressqa l-kawza u fil-25 ta’ Frar 2014 meta jinsabu kalkolati l-imghaxxijiet legali. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok PRCC5.

6. Kopja ta’ statement of Account riferribilment ghall-bilanci dovuti kwantu l-vettura tal-marka Toyota Hilux bin-numru ta’ registrazzjoni JBH 184 kemm f’Lulju 2013 meta giet imressqa l-kawza u fil-25 ta’ Frar 2014 meta jinsabu kalkolati l-imghaxijiet legali. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok PRCC6.

**George Buhagiar** xehed fis-26 ta’ Frar 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ direttur mas-socjeta’ attrici. Huwa ra d-dokumenti esebiti fl-atti u spjega li dawn id-dokumenti huma mahruga mis-socjeta’ attrici. Ix-xhud ikkonferma li fuq dawn il-kuntratti li hemm esebiti f’dawn l-atti hemm il-firma tieghu u hemm is-schedule tal-pagamenti kif kellhom isiru. Huwa kkonferma wkoll li kien biegh il-vettura tal-ghamla Renault Cleo bin-numru tar-registrazzjoni FCC 073 lill-konvenut flimkien ma’ martu u kien biegh il-karozza tal-ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni JBH 184 u qal li din il-vettura kien bieghha biss lil Hamdi Fatih Alla.

Ix-xhud ghamel referenza ghas-schedule of payments immarkat bhala Dokument PRCC3 u tenna li dan jirreferi ghall-vettura Renault Clio u qal li l-ahhar pagament li thallas fuq din il-vettura kien f’Lulju 2013. Effettivament kien sar xi hlas wara li kienu baghtulhom ittra legali. Huwa kkonferma fuq domanda tal-Qorti li minn Awwissu 2013 sal-lum huwa ma rcieva l-ebda hlas jew pagament minghand il-konvenuti. Spjega li f’dawn id-dokumenti li hawn esebiti hemm indikat kemm huwa kien dovut flus mix-xahar ta’ Lulju 2013 u kemm huwa dovut flus illum. Huwa ddikjara li l-ahhar pagament li thallas fuq il-vettura Toyota Hilux skont id-dokument PRCC4 kien f’Jannar 2013.

Rat il-verbal taghha tas-26 ta' Frar, 2014 fejn din il-Qorti kienet ordnat illi l-kawza tithalla ghas-sentenza in difett ostakolo f'kaz li l-konvenut ma jressaqx provi fis-seduti sussegwenti.

**Ikkunsidrat:**

Rat illi l-konvenut naqas li jressaq il-provi tieghu sabiex jissostanzja l-b eccezzjonijiet tieghu.

Semghet lil George Buhagiar jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici u jikkonferma illi l-ammont mitlub fir-rikors promotur tieghu fl-ammont ta' ghaxart elef, seba' mija u erbgha u sebghin ewro (€10,774) ghadhom dovuti rapprezentanti bilanc minn import u prezz ta' bejgh u konsenja ta' zewg vetturi wahda tal-marka Toyora Hylux bin-numru ta' registrazzjoni JBH 184 u l-ohra tal-marka Renault Clio bin-numru ta' registrazzjoni FCC 073.

Rat illi t-talba attrici ghalhekk hija gustifikata u timmerita li tigi konfermata.

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tordna lill-konvenuti in solidum jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u erbgha u sebghin ewro (€10,774) bl-imghaxijiet skont il-ligi mid-dati ta' kull hlas mensili mhux imhallsa u mid-data meta l-bilanc shih sar dovut sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tar-rikorsi ghall-hrug ta' Mandati ta' Qbid kawtelatorji u rikorsi ghall-elevazzjoni tal-imsemmija vetturi kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------